MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2007

Numru. 698/2007

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)

vs

Carlos Garzia Quatro

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat, Carlos Garcia Quatro, 23 sena, iben Saul Garcia Andian u Patricia Quatra Lausa, imwieled Betanzos fit-12 ta' Frar, 1984, u joqghod Flat 7, Blk 6A, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' Spanjola bin-numru 47367744-A, li gie mressaq b'arrest quddiemha akkuzat

talli fl-20 ta' Awissu, 2007 ghall-habta ta' 12.25p.m. fl-Ghassa ta' San Giljan sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 21 ta' Awissu, 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-21 ta' Awissu, 2007 ai termini ta' l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Awissu, 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat l-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, l-fedina penali netta tal-imputat u kkunsidrat ukoll l-kundizzjoni medika tieghu.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-

Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------